**QORTI KRIMINALI**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D.,** Ph.D.

Att t' Akkuza: 30/2023

Ir-Repubblika ta' Malta

vs.

Flores Glenys Altagracia

**Illum, 13 ta' Marzu 2024**

Il-Qorti,

Rat illi l-akkużata permezz tal-verbali datati 7 ta' Diċembru, 2023 u 30 ta' Jannar 2024 qeda titlob sabiex jiġi nvokat il-proviso tal-Artikolu 449(1) tal-Kodiċi Kriminali sabiex jingħata permess lill-akkużata tintavola nota' t' eċċezzjonijiet barra mit-terminu kif stabbilit fl-Artikolu 438(2) tal-Kodiċi Kriminali. Tispjega illi din it-talba qeda ssir abbażi tar-raġuni li nqalgħet wara ż-żmien kif stipulat fl-artikolu 438, liema raġuni hija ta' diffikultà' akuta fil-komunikazzjoni bl-Ingliż jew bil-Malti liema diffikultà qatt ma ġiet sollevata fi stadju iktar kmieni u opportun mid-difiża.

Rat illi l-Avukat Ġenerali qed jopponi għat-talba tal-akkużata stante li l-proċeduri u l-Att t' Akkuża saru bil-lingwa Maltija u li l-eċċezzjonijiet kellhom isiru fit-terminu stabbilit taħt l-artikolu 438 tal-Kodiċi Kriminali. L-Avukat Ġenerali jsostni illi l-fatt li ma sarux eċċezzjonijiet preliminari fi żmien permess mil-liġi ma jagħtix lok biex l-akkużata tkun tista' tagħmel eċċezzjonijiet ulterjuri sakemm ma tkunx għamlet raġuni li grat wara ż-żmien li fih in-nota msemmija fl-artikolu 438(2) kellha tiġi ppreżentata u dak kif jirrefiġġi l-artikolu 449 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota ta' referenza tal-akkużata ppreżentata fis-seduta tat-30 ta' Jannar 2024.

Semgħet il-partijiet jittrattaw.

**<u>Ikkunsidrat,</u>**

L-akkużata qeda titlob lil din il-Qorti tawtorizzaħha tressaq eċċezzjoni preliminari ulterjuri ai termini tal-Artikolu 449 tal-Kodiċi Kriminali. Għal din ir-raġuni din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkwota l-Artikolu 449 suċitat:

> *449. (1) L-eċċezzjonijiet li ġejjin, jiġifieri:*
> *(a) eċċezzjoni ta' inkompetenza tal-qorti;*
> *(b) eċċezzjoni ta' nullità jew ta' żball fl-att tal-akkuża;*
> *(ċ) eċċezzjoni tal-estinzjoni tal-azzjoni;*
> *(d) eċċezzjoni ta' ġudikat li bih l-akkużat kien ġa' ġie misjub ħati jew illiberat;*
> *(e) eċċezzjoni tal-ġenn tal-akkużat fiż-żmien tal-kawża;*
> *(f) eċċezzjoni tal-ġenn fiż-żmien tar-reat jew kull eċċezzjoni ta' kull punt ieħor ta' fatt li jneħħi limputabiltà tal-akkużat jew illi minħabba fih il-kawża m'għandhiex titmexxa għal mument, jew f'ebda żmien ieħor 'il quddiem; u*
> *(g) bla ħsara tad-dispożizzjoni tal-artikolu 446(1), kull eċċezzjoni preliminari oħra, jistgħu jingħataw biss jekk ikun ingħata dwarhom avviż bil-miktub kif provdut fl-artikolu 438(2):*
>
> ***<u>Iżda l-qorti tista' tawtorizza li jingħataw dawk l-eċċezzjonijiet għal raġuni li tkun inqalgħet wara ż-żmien li fih innota msemmija fl-artikolu 438(2) għandha tiġi ppreżentata fir-reġistru tal-qorti.</u>***

L-Artikolu 438(2) tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi illi l-akkużata tista' tressaq il-quddiem kull eċċezzjoni fir-rigward 'ammissibbilta' t'evidenza li hu jixtieq jqajjem u

dan mhux aktar tard minn ħmistax-il ġurnata mid-data ta' meta jiġi notifikat bl-Att t'Akkuża. Madankollu, il-Qorti tista' tawtorizza eċċezzjonijiet oħrajn **<u>li jqumu wara</u>** iż-żmien indikat fis-sentenza preċedenti. Hawn hekk issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Romario Barbara</u>**,[1] fejn il-Qorti qalet is-segwenti:

> ***'lli qabel ma l-akkużat iressaq eċċezzjoni ġdida wara it-terminu lilu konċess fl-artikolu 438(2) tal-Kodiċi Kriminali huwa jrid jagħmel talba lil qorti għaldaqstant. Illi allura huwa biss bl-awtoriżżazzjoni mogħtija lilu mill-Qorti Kriminali illi l-akkużat jista' iressaq eċċezzjoni li ma tkunx ġiet sollevata qabel. Dan il-proviso jipprovdi testwalment hekk;***
>
> ***Iżda l-qorti tista' tawtorizza li jingħataw dawk l-eċċezzjonijiet għal raġuni li tkun inqalgħet wara z-żmien li fih in-nota msemmija fl-artikolu 438(2) għandha tiġi ippreżentata fir-reġistru tal-qorti.'***

Għaldaqstant, jekk il-Qorti tawtorizza lill-akkużata tressaq il-quddiem eċċezzjonijiet ħodda, skond il-liġi **<u>l-istess akkużata mbagħad tipproċedi billi tressaq il-quddiem tali eċċezzjonijiet permezz ta' nota</u>**. Il-Qorti mbagħad tgħaddi sabiex tagħti sentenza u mhux digriet. F'dan il-punt kull ma trid tiddeċiedi din il-Qorti hu jekk l-akkużata setgħetx tressaq din l-eċċezzjoni preliminari qabel, skond it-termini tal-Artikolu 438(2) tal-Kodiċi Kriminali *o meno*. Sussegwentament, il-Qorti tgħaddi sabiex tagħti d-digriet tagħha.[2]

Jirriżulta mill-atti proċesswali illi l-akkużata ġiet notifikata bl-Att t'Akkuża nhar il-21 ta' Ġunju 2023. Sussegwentament ma ġietx ippreżentata n-nota t'eċċezzjonijiet. L-akkużata tgħid li t-talba tagħha qed issir abbażi tar-raġuni li nqalat wara ż-żmien kif stipulat fl-artikolu 438, liema raġuni hija ta' diffikulta' akuta fil-komunikazzjoni bl-

[1] Deciza nhar is-26 ta' Mejju, 2021.
[2] Ara wkoll id-digriet li din il-Qorti taghat fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Kevin Sammut</u>** nhar it-28 ta' Lulju, 2022.

Ingliż jew Malti liema diffikulta' qatt ma ġiet sollevata fi stadju iktar kmieni u opportun mid-difiża. L-Avukat Ġenerali qiegħed jargumenta li kemm il-proċeduri kif ukoll l-Att t'Akkuża saru bil-lingwa Maltija u qiegħed joġġezzjona għat-talba tal-akkużata għaliex l-eċċezzjonijiet kellhom isiru fit-terminu stabbilit taħt l-Artikolu 438 tal-Kodiċi Kriminali. Il-fatt li ma sarux eċċezzjonijiet preliminari fi żmien premess mill-liġi ma jagħtix lok biex l-akkużata tkun tista' tagħmel eċċezzjonijiet ulterjuri sakemm ma tkunx għamlet raġuni li ġrat wara iż-żmien li fih msemmija fl-artikolu 438(2) kellha tiġi preżentata u dak kif jirrefiġġi l-artikolu 449.

Illi din il-Qorti tifhem l-importanza li l-akkużat ikun jaf x'inhu għaddej matul il-proċeduri li jkunu għaddejin kontrih. Jiġi nnutat illi sa minn nhar it-30 t' Awwissu 2022[3] u cioe' meta l-akkużata gie mressqa b'arrest, hija nfurmat lill-Qorti li ma tifhimx bil-lingwa Maltija u għalhekk ġie nominat interpretu sabiex titraduċi dak li kien qiegħed jingħad mill-lingwa Maltija għal dik Spanjola. Dakinhar stess il-Qorti ħatret ukoll lil Dr Martin Farrugia bħala Avukat ta' l-Għajnuna Legali sabiex jassisti lill-akkużata f'dawn il-proċeduri. Għaldaqstant din il-Qorti hi tal-fhema illi d-diffikulta' fil-komunikazzjoni bl-Ingliż u l-Malti għall-akkużata kienet ġiet sollevata sa mill-bidu net ta' dawn il-proċeduri u għalhekk mhux xi ħaġa li ġrat wara ż-żmien li kellhom jiġu preżentati l-eċċezzjonijiet preliminari skond il-liġi. Għalhekk, jekk l-akkużata kellha xi diffikulta sabiex tifhem x'kienet tgħid l-Att t'Akkuża kellha tagħmel kuntatt mal-Avukat tagħha sabiex jispjegala l-kontenut tagħha, anke jekk hemm bżonn bl-għajnuna t'interpretu.

Illi jekk l-akkużata jidrilha illi b'xi mod jew ieħor ġew leżi d-drittijiet fundamentali tagħha, din l-Qorti mhux il-forum adegwat sabiex jiġi deċiż jekk dan hux minnu. Vertenzi ta' dan it-tip għandhom jiġu mressqa quddiem il-Qrati Kostituzzjonali sabiex jiġu studjati u deċiżi minnhom.

[3] Ara fol. 6 tal-process.

Għaldaqstant, in vista tas-suespost, din il-Qorti qeda tiċħad it-talba tal-akkużata sabiex a tenur il-proviso tal-Artikolu 449(1) tal-Kodiċi Kriminali tressaq l-quddiem eċċezzjoni preliminari ulterjuri skond il-liġi.

**Consuelo Scerri Herrera**

**Imhallef**